C/2024/7466

20.12.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Diċembru 2024

li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-Awstrija

(C/2024/7466)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2020 [2], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali għall-perjodu mill-20 ta' Ottubru 2020 sad-19 ta' Ottubru 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Petar BAJIĆ sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem.

(3) Il-Gvern tal-Awstrija nnomina kandidata għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Katharina FIGL hija maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali minflok is-Sur Petar BAJIĆ għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

PINTÉR S.

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi ta' Sigurtà Soċjali (ĠU C 315 I, 23.9.2020, p. 1).